SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN

**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 05/K6/08

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 12/06/'08** **234**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 12/06/'08** **287**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 12 ta' Ġunju 2008.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.00 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Seba' membri tal-Kunsill, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-iskrivana Roberta Sammut.

1.04 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2. Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fil-5 ta' Ġunju 2008. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Emenda għall-Bye Laws – Projbizzjoni ta' konsum t'alkoħol fit-toroq ta' Paceville u San Ġiljan.
4. Bye Laws dwar Xatt is-Sajjieda.
5. CCTV cameras f'Paceville.
6. Servizz ċirkulari tal-Mini Van.

7. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet
8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 04/K6/08 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni ta' Minuti 04/K6/08.

1.3.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 1295 | Ittra mingħand is-Soċjeta' Mużikali tal-Karmnu Balluta rigward attivita' annwali li ssir fil-Pjazza tal-Balluta. |
| 1663&2048 | Ittri mingħand l-Għaqda tan-Nar, Festa Madonna tal-Karmnu Balluta, rigward International Fireworks and Maltese Food Traditions Festival. |
| 1877/1878/K434 | Ittra mingħand il-Kunsill Lokali Pembroke rigward il-konfini bejn iż-żewġ lokalitajiet. |
| 1944 | Ittra mingħand l-MRAE rigward taħwil ta' siġar. |
| 2073/K428/ K448&2157 | Ittri rigward il-manutenzjoni fuq Ġnien Dun Anton Sciberras. |
| 2106 | Ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward fondi finanzjarji b'konnessjoni mas-separazzjoni ta' l-iskart. |
| 2220 | Ittra mingħand in-Northern Harbour District Joint Committee dwar it-tiġdid tal-*Cooperation Agreement between Local Councils - Installation & Maintenance of Street Lighting*. |

2230&2266 Ittra mingħand l-UDITE rigward il-Biennial Congress u l-PRIMO Congress.

2246 Ittra mingħand Pendergardens rigward Pender Place u Mercury House Project, Planning Gain – Request for payment.

2304 Ittra mingħand is-Supt. Sharon Tanti rigward laqgħa mal-Kunsill.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 1295

2.02 B'riferenza għall-ittra mingħand is-Soċjeta' Mużikali tal-Karmnu Balluta ġie deċiż unanimament illi din l-attivita' li ssir annwali fil-Pjazza tal-Balluta ssir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill u li jitħallas l-ammont ta' €232.93 (Lm 100.00) bħala parti mill-ispejjeż.

2.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna wasal fis-2.15p.m.

Rif. Nru 1663 & 2048

2.04 B'riferenza għall-ittri mingħand l-Għaqda tan-Nar, Festa tal-Madonna tal-Karmnu, Balluta rigward l-*International Fireworks and Maltese Food Traditions Festival* ġie deċiż unanimament illi:-

- l-attivita' ssir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill u jitħallas l-ammont ta' €582.34 (Lm 250.00) bħala parti mill-ispejjeż;
- għal din l-okkażjoni, l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li s-simenta li hemm taħt il-Knisja tal-Balluta, tintrama bl-imwejjed u s-siġġijiet kif indikat fuq il-pjanta mehmuża (Ara Appendiċi 'A').

Rif. Nru. 1877

2.05 B'riferenza għall-ittra mingħand il-Kunsill Lokali Pembroke rigward bdil fil-konfini bejn iż-żewġ lokalitajiet ġie deċiż unanimament illi tintbagħat ittra lis-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said fejn il-Kunsill jibqa' jinsisti li it-triq imsemmija

tibqa' fil-konfini ta' San Ġiljan. Din l-ittra ser tiġi ppreparata mill-Kunsillier Edgar Montanaro.

Rif. Nru. 2073 u 2157

2.06 B'riferenza għall-ittri mingħand Schranz Ltd u mingħand il-Viċi Sindku Karl Gouder rispettivament rigward l-istat u manutenzjoni fuq il-Ġnien Dun Anton Sciberras ġie deċiż unanimament illi:-

- jiġi ċċarat kemm hi l-garanzija fuq il-materjal inkluż il-*flooring*;
- Issir laqgħa mas-Sur Joe Schranz, u s-Sur Albert Borg ta' l-MP&DC biex jiġi diskuss il-manutenzjoni fuq dan il-kumpless;
- Il-Kunsill jiġi nfurmat meta tkun ser issir din il-laqgħa.

Rif. Nru. 2220

2.07 B'riferenza għall-ittra mingħand in-Northern District Joint Committee rigward it-tiġdid tal-Cooperation *Agreement between Local Councils – Installation & Maintenance of Street Lighting*, ġie deċiż unanimament illi dan il-kuntratt jiġi mġedded.

Rif. Nru. 2230 & 2266

2.08 B'riferenza għall-korrispondenza dwar l-UDITE Biennial Congress u l-PRIMO Congress ġie deċiż unanimament li s-Segretarju Eżekuttiv, Ms Helen Walker tattendi dawn il-kongressi bi spejjeż għall-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzjat lill-Kunsill li għal darb'oħra tawha din l-opportunita.

Rif. Nru. 2304

2.09 B'riferenza għall-ittra mingħand is-Supt. Sharon Tanti ġie deċiż unanimament li jiġi kkonfermat li l-laqgħa ssir nhar l-Erbgħa 18 ta' Ġunju 2008 fis-2.00p.m. fl-uffiċċju tal-Kunsill, u li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li l-iSpettur Sammut ikun preżenti għal din il-laqgħa.

**3 Emenda għal Bye-Laws – Bye-Laws dwar Projbizzjoni ta' Konsum ta' Alkoħol fit-Toroq ta' Paceville u San Ġiljan**

3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello għamel riferenza għal Bye-Laws dwar projbizzjoni ta' konsum ta' l-alkoħol fit-toroq ta' Paceville u San Ġiljan (Ara Appendiċi 'B').

3.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi:-

- **Wara artiklu 5 jitniżżel**:- *Iżda jekk il-Kunsil jagħti awtorizazzjoni skond kif provdut fl-Avviż Legali 119 ta' l-2002 fil-kuntest ta' attivita' f'xi ġranet speċjali jew speċifiċi, il-Kunsill jista jagħti l-awtorizazzjoni tiegħu biex isir bejgħ u konsum ta' xorb alkoħoliku lill-persuni 'l-fuq minn 16 il-sena.*

- **B'riferenza għal Schedule 'A'**:-

  *New Street in Church Str tiġi taqra Vjal Portomaso;*

  *New Street in St. Andrew's Road tiġi taqra Triq Marguerite Mangion;*

  *Playing field of Palazzo Spinola tiġi taqra Ġnien Palazzo Spinola;*

  *Ma din is-Schedule 'A' tiżdied il-Bajja li hemm f'tarf Triq il-Wilġa.*

**4 Bye-Laws dwar Xatt is-Sajjieda**

4.01 Iċ-Chairman Peter Bonello għamel riferenza għal Bye-Laws dwar Xatt is-Sajjieda (Ara Appendiċi 'Ċ').

4.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi:-

- Tingħata kopja ta' dawn il-Bye-Laws lis-Sur Joe Cremona, li huwa fil-Kumitat Sajjieda u Dilettanti Ġiljaniżi. Dan sabiex il-Kumitat iressaq il-proposti tagħhom bil-miktub, sal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss, biex jiġu kkunsidrati mill-Kunsill.

- Ma artiklu ħamsa (5) wara il-kliem *'full time registered fishermen'* jiżdied il-kliem '*part-time registered fishermen u dilettanti*'.

- Tintalab lista tas-Sajjieda Full-Time, Part-Time u d-Dilettani li hawn reġistrati f'San Ġiljan mingħand il-Malta Maritime Authority;

- d-Dipartiment għall-Gvern Lokali jiġi nfurmat li risposta għal din il-Bye-Laws tintbagħat aktar tard.

**5 CCTV Cameras f'Paceville**

5.01 Iċ-Chairman Peter Bonello nforma lill-Kunsill illi saret laqgħa ma' Dr Mario De Marco, Segretarju Parlamentari għat-Turiżmu, fejn ġew diskussi diversi affarijiet fosthom l-istat ta' Paceville, il-vandaliżmu li sar riċentament u l-bżonn ta' aktar sorveljanza tal-pulizija. Inġibdet l-attenzjoni illi waqt din il-laqgħa ġie deċiż illi:-

- Ikun hemm aktar sorveljanza mill-pulizija. Dan diġa qiegħed issir u hemm riżultat tajjeb ħafna;

- Jitwaħħlu sitt (6) CCTV cameras biex jissalvagwardjaw lir-residenti ta' Paceville. Dawn ser jinxtraw mill-Malta Tourism Authority u ser ikunu mqabbdin direttament mal-uffiċċju tal-Guard & Warden Security Services.

**6 Servizz Ċirkulari tal-Mini Van**

6.01 Iċ-Chairman nforma lill-Kunsill illi ser tinħareġ sejħa għall-offerti għas-Servizz Ċirkulari tal-Mini Van peress li dan skada fil-31 ta' Mejju 2008. Madankollu l-kuntratt ġie mġedded sakemm jintgħażel il-kuntrattur il-ġdid.

6.02 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**7. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

7.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

7.02 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

7.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**8 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

8.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 2465 sa 2488 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'E').

8.02 Ġie deċiż unanimament li terġa ssir 'traffic mirror' ġo Triq il-Kbira faċċata ta' Triq Sant' Elia;

8.03 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets.

8.04 Il-Kunsillier Ronaldo Agius issekondaha.

8.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

8.06 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

8.07 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**9 Materji Oħra**

9.01 Ġie deċiż unanimament li ssir talba lill-Awtorita' ta' Malta dwar it-Trasport biex il-Bus Shelter li hemm fil-Pjazza tal-Balluta jitressaq minn ħdejn il-Meridien Hotel u titpoġġa ħdejn it-taraġ li jagħti għall Triq il-Marquis Scicluna;

9.02 Iċ-Chairman Peter Bonello informa lill-Kunsill li:-

- għal sena oħra konsekuttiva reġa ġie ffirmat il-kuntratt mal-Malta Tourism Authority li ser tipprovdi l-finanzi (€15,878) sabiex isir servizz addizzjonali ta' knies, tbattil tal-bins u ġbir ta' skart. Dan ser isir darba kuljum mill-14 ta' Ġunju 2008 għal 15 il-ġimgħa.

- Nhar il-Tlieta 10 ta' Mejju 2008 saret laqgħa mas-Segretarju Parlamentari, l-Onorevoli Dr. Jason Azzopardi, fejn ġie diskuss id-devoluzzjoni ta' l-art f'Ta' Ġiorni u n-naħa tal-Westin Dragonara. Għal din il-laqgħa kienu preżenti s-Sindku Peter Bonello, l-Viċi Sindku Karl Gouder u s-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker.

- Hemm il-ħsieb li fid-9 ta' Awissu 2008 ser isir l-ftuħ uffiċċjali ta' Xatt is-Sajjieda;

9.03 Peress li s-Sur Victor Cachia daħal l-isptar għal ġimgħatejn bejn Mejju u Ġunju, ġie deċiż unanimament illi jitħallas tax-xahar kollu (Mejju u Ġunju) u li l-ħin nieqes jiġi kkompensat matul is-sena.

9.04 Ġie deċiż unanimament li għalissa ma hemmx il bżonn li ssir laqgħa mal-Pulizija tad-Drug Squad.

9.05 Inġibdet l-attenzjoni li hemm bżonn li titnaddaf l-area fi Triq Schermerhorn li tagħti għall-Triq Patrick Brydone.

9.06 Il-Kunsill ġie mfakkar sabiex jgħaddi l-write ups tal-magazine lill-amministrazzjoni mill-aktar fis possibbli.

9.07 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fl-3.45p.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |